MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2011

Numru 1387/2011

Il-Pulizija
(Spettur Tony Cachia)

vs

Alan Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identità numru 532384(M), akkuzat talli:

1. fil- lejl tas-16 ta' Dicembru 2011, ghall-hin ta' bejn in-00:30am u is- 01:30am, fi Triq Is-Salini Marsaskala flimkien ma' persuna ohra kkommeta serq ta' madwar 120 litru fuel (diesel), minn go vettura (crane) bin-numru ta' registrazzjoni BAH- 275, liema serq huwa kkwalifikat, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Anthony Muscat.

2. aktar talli, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe dik ta' tapp, u katnazz liema hsara ma' tiskorrix l- ammont ta' 23.29 Ewro.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti tahtu zmien jikkonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat izda mhux biss billi hemm ukoll ammissjoni fl-ahhar stqarrija li irrilaxxja lill-Pulizija, issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 261 (f) (b) (g), 270, 263 (a), 264 (1), 271 (g), 278 (1) (2) (3) u 17 tal-Kap 9.

Tapplika ghal din id-darba kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggih taht il-harsien ta' ufficjal tal-Probation ghal tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------